MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 42/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edward Caruana Soler**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Edward Caruana Soler talli fl-10 ta' Novembru 2004, ghall-habta tal-10.00 a.m. waqt li kien gewwa x-Xatt ta' tas-Sliema:

1) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;
2) Insulenta lil Hermann Buhagiar bi kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Edward Caruana

Soler hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25) *ammenda* fuq l-ewwel imputazzjoni, hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) *ammenda* fuq it-tieni imputazzjoni u ordnat li jintrabat taht obbligazzjoni ta' mitt liri Maltin (100) ghal perijodu ta' sena li ma jkellimx jew jimmolesta lil Herman Buhagiar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Edward Caruana Soler pprezentat fit-22 ta' Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha u tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom u thassar kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li huwa ma jistax jaccetta l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-htija tieghu ghas-segwenti ragunijiet:

"1. Illi dak in-nhar tas-seduta l-avukat tal-esponenti kellu gia` battibekk serju mal-Qorti f'kawza ohra, tant li meta bdew jinstemghu l-kawzi kontra l-familja Gheiti l-Qorti esprimiet ruhha tali li wriet bic-car li kienet gia` ppregudikata kontra taghhom.

2. Illi kif gia` ssemma' l-kwerelat u x-xhieda minnu prodotti, li lkoll jahdmu mas-socjeta` kummercjali kompetitrici ghal dik tal-familja tal-esponenti, gia` kellhom ghadd ta' incidenti fil-passat mal-istess familjari.

Illi fil-fatt l-esponenti kemm-il darba tressaq quddiem l-istess Qorti fuq rapporti maghmula minn Buhagiar, fost ohrajn, u dejjem u invarjabilment gie lliberat stante li l-ewwel Qorti ma emnitux.

Illi mill-proceduri li nstemghu quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta manifestament konflitt ta' provi bejn Buhagiar u x-xhieda minnu prodotti u l-esponenti u x-xhieda tieghu.

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett li f'kunflitt ta' provi kif irrizulta f'dan il-kaz l-ewwel Onorabbli Qorti kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-esponenti u tilliberah.

3. Illi l-esponenti jsostni li l-incident li ta lok ghal din il-kawza ma garax kif irrapportat minn Buhagiar li jirrapporta lill-esponenti u membri tal-familja tieghu ghal kull haga ta' xejn u dan minhabba li l-generu tax-xoghol huwa simili ghaz-zewg nahat li sfortunatament it-tnejn jahdmu ma' genb xulxin. Di fatti r-rapporti min-naha ta' Buhagiar u shab tieghu aktar zdiedu minn meta l-ewwel Qorti esprimiet ruhha fis-sens li kienet behsiebha tissospendi l-licenzja tal-bastiment lill-partijiet hekk kif jidhru aktar kazi quddiemha."

L-ewwel ilment ta' l-appellant jikkonsisti biss f'allegazzjoni li ma giet sostanzjata bl-ebda mod. Anzi, la saret referenza ghaliha mix-xhieda kif lanqas waqt it-trattazzjoni. L-istess jista' jinghad ghar-referenza li saret ghal rapporti ohra li minnhom l-appellant dejjem gie lliberat - allegazzjoni ohra li baqghet allegazzjoni.

L-appellant jilmenta li minhabba l-konflitt ta' provi li hemm, l-ewwel Qorti jmissha tat il-beneficcju tad-dubju lill-appellant. Li x-xiehda li nghatat hija konfliggenti m'hemm l-ebda dubju. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-*

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda hi stess f'din il-kawza:

**P.S. 16 Martin Cordina** xehed li fl-10 ta'Novembru 2004 ircieva rapport minghand Herman Buhagiar li fl-10.00 a.m. kien qieghed ix-Xatt tas-Sliema u l-appellant kien fuq id-dghajsa kompetitrici ta' dik li jahdem maghha Buhagiar u beda jghajru. Ix-xhud qal li baghat ghall-appellant li nnega li kien qal il-kliem li kien irrefera Buhagiar, anzi li lanqas biss kien kelmu.

**Herman Buhagiar** xehed li fl-10 ta' Novembru 2004 kien qieghed fuq il-booth tal-kumpanija li kien jahdem maghha, l-Alliance Cruises, bhala *sales* u *marketing* u kellu xi klijenti quddiemu. L-appellant, li jahdem mal-kumpanija kompetitrici Luzzu Cruises,  beda jghajru kemm bl-Ingliz kif ukoll bil-Malti bl-uzu tal-kliem “pufta”, “zibel” u “mahmug”. Sostna li l-appellant uza ton arrogantissimu u ghajjat biex qalhom, ma kienx qed jitkellem bil-mod biex semghu.

**L-appellant** xehed semplicement li mhux veru dak li qal Buhagiar u li kemm ilu li telaq Buhagiar qeghdin ghall-kwiet.
Minn dak li semghet u osservat hi tal-fehma li Buhagiar xehed b'mod sincier u huwa kredibbli dwar l-insulti li jghid li l-appellant idderiga lejh f'hin meta kien hemm klijenti quddiemu. Fil-fatt jirrizulta li l-imsemmi Buhagiar ghamel ir-rapport tieghu dakinhar stess li gara l-incident in kwistjoni. Bic-cahda tieghu l-appellant jimplika li r-rapport kien wiehed falz. Din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan hu verosimili u ghalhekk l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li, peress li l-obbligazzjoni bil-

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

miktub skond l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, tordna li din l-obbligazzjoni ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------